# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 4 ta' Dicembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Proscilla Caruana Lee)**

**Vs**

**Kaled Mukthar Ben Gamhur**

**Kumpilazzjoni Nru: 501/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kaled Mukthar Ben Gamhur detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 427000L.

Akkuzat talli nhar is-06 ta' Novembru 2017 fid-09 ta' filghodu u fil-hin ta' qabel gewwa Triq Glormu Cassar, il-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' nuccali tax-xemx tal-ghamla 'polar' minn gewwa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CKD 561, liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) izda huwa kwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' John Galea u/jew ta' persuna/i ohra.

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura numru CKD 561 ghad-dannu ta' John Galea u/jew persuni ohra liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin ewro (€250).

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq ghad-detriment ta' Nicholas Schembri u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura KTG 854 ghad-dannu ta' Nicholas Schembri u/jew persuni ohra liema hsara ma teccedix it-mitejn u hamsin ewro (€250).

5. U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(g), 263, 264, 271(g), 289, u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **tmintax il-xahar prigunerija**. Inoltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 532A ta'l-istess l-Kapitolu 9 l-Qorti qed tordna lill-imputat biex ihallas lil kull wiehed mill-parte civile (cioe John Galea u Nicholas Schembri) s-somma ta' tnejn u erghin Euro (€42).

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**